



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13463/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0242 (NLE)

ACP 124
FIN 691

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 550 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 550 final.

Mehmuż: COM(2019) 550 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2019
COM(2019) 550 final

2019/0242 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni preżenti fiha proposta dwar deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE , dwar l-adozzjoni ta' miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP)¹, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ("Il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou" jew "FSC"). Il-Kummissjoni tipproponi l-estensjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP, skont liema jseħħ l-ewwel.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou

Sa mill-2000, il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou kien il-qafas għar-relazzjonijiet tal-UE ma' 79 pajjiż tal-AKP. Il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu ta' 20 sena, mill-1 ta' Marzu 2000 sad-29 ta' Frar 2020. Sussegwentement kien ġie rivedut fl-2005 u fl-2010.

Il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou jiskadi fid-29 ta' Frar 2020. In-negożjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid tnedew f'Settembru 2018 u għaddejjin bħalissa. Madankollu, sar ċar li dawk in-negożjati mhumiex se jirriżultaw fi Ftehim li jkun lest biex jiġi applikat sad-data ta' skadenza. Is-sitwazzjoni tista' tirriżulta f'vakwu fir-relazzjonijiet

2.2. Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE huwa korp fil-livell ministerjali, stabbilit permezz tal-Ftehim (l-Artikolu 15 tal-FSC). Jinkludi, minn naħa, membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea u min-naħa l-oħra, membru tal-gvern ta' kull Stat tal-AKP. Il-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri jinkludu, fost affarijiet oħra, li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni u għall-eżekuzzjoni tal-FSC. Il-Kunsill tal-Ministri jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim komuni tal-Partijiet. Sabiex id-deċiżjonijiet ikunu validi, (i) nofs il-membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri 14-il ministru mill-Istati Membri tal-UE), (ii) membru wieħed tal-Kummissjoni, u (iii) żewġ terzi tal-membri li jirrappreżentaw il-gvernijiet tal-Istati tal-AKP (jiġifieri membri tal-gvern minn 55 Stat differenti tal-AKP) għandhom ikunu preżenti.

2.3. Miżura transizzjonali

L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu FSC jgħid hekk: "*Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta kull miżura transizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ*". Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) FSC, jistgħu jiġu applikati miżuri transizzjonali biex tiġi estiża l-applikabilità tal-FSC kollu jew ta' partijiet minnu, sad-data tal-applikazzjoni tal-Ftehim il-ġdid (applikazzjoni provviżorja jew dħul fis-seħħ wara r-ratifika mill-Partijiet kollha). Dawn il-miżuri transizzjonali għalhekk jeħtieġ li ikunu fis-seħħ sabiex jiġi evitat vakwu politiku, istituzzjonali u legali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-AKP.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 65, 08.03.2003, p. 27).

Sabiex tinżamm kontinwità ġuridika, politika u istituzzjonali mal-AKP, jekk il-Ftehim il-ġdid ma jsirx applikabbli qabel l-iskadenza tal-qafas ġuridiku eżistenti, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri transizzjonali biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-Ftehim attwali.

2.4. L-adozzjoni ta' miżura transizzjonali mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

F'konformità mal-Artikolu 95(4) FSC, id-deċiżjoni dwar miżura transizzjonali għandha tittieħed mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE². Skont l-Artikolu 15(4) FSC, il-Kunsill tal-Ministri jista' jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi³. Għal dan il-għan, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri ddelega s-setgħa li jadotta d-deċiżjoni dwar miżuri transizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi⁴. Skont l-Artikolu 16(2) FSC, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jista' jadotta deċiżjonijiet vinkolanti fuq il-partijiet fi ħdan il-mandat mogħti lill mill-Kunsill tal-Ministri.

Skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi, dan għandu jiltaqa' regolarment, b'mod partikolari biex iħejji laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri, u fejn dan ikun meħtieġ, fuq talba ta' waħda mill-partijiet⁵. Permezz ta' din il-flessibilità, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jista' jiżgura li d-deċiżjoni dwar il-miżuri transizzjonali tittieħed f'waqtha, u mhux aktar tard minn Jannar 2020.

Għalhekk, f'waħda mil-laqgħat tiegħu, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandu jadotta d-deċiżjoni dwar il-miżuri transizzjonali. Din id-deċiżjoni għandha sservi l-għan li testendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ("l-att previst"), kif previst fl-Artikolu 95(4) FSC.

L-għan tal-att previst huwa li jestendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou fl-intier tiegħu, sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema jiġi l-ewwel.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-deċiżjoni dwar miżuri transizzjonali għandha tiddefinixxi (i) liema parti(jiet) tal-Ftehim għandhom japplikaw b'mod transizzjonali u (ii) sakemm jiġu applikati l-miżuri transizzjonali. Il-Kummissjoni tipproponi li l-FSC attwali jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2020, sakemm il-Ftehim il-ġdid ma jidħolx fis-seħħ jew jiġi applikat qabel dik id-data. Id-data proposta, il-31

² Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE huwa korp fil-livell ministerjali, stabbilit permezz tal-Ftehim (l-Artikolu 15 tal-FSC). Jinkludi, minn naħa, membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea u min-naħa l-oħra, membru tal-gvern ta' kull Stat tal-AKP. Il-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri jinkludu, fost affarijiet oħra, li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni u għall-eżekuzzjoni tal-FSC. Il-Kunsill tal-Ministri jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim komuni tal-Partijiet. Sabiex id-deċiżjonijiet ikunu validi, (i) nofs il-membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri 14-il ministru mill-Istati Membri tal-UE), (ii) membru wieħed tal-Kummissjoni, u (iii) żewġ terzi tal-membri li jirrappreżentaw il-gvernijiet tal-Istati tal-AKP (jiġifieri membri tal-gvern minn 55 Stat differenti tal-AKP) għandhom ikunu preżenti.

³ Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi huwa stabbilit skont l-Artikolu 16 FSC. Dan jinkludi, minn naħa, ir-rappreżentant permanenti ta' kull Stat Membru tal-UE u rappreżentant tal-Kummissjoni, u min-naħa l-oħra, il-kap tal-missjoni ta' kull Stat tal-AKP għall-UE. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi jassisti lill-Kunsill tal-Ministri fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u jwettaq kwalunkwe mandat fdat lill mill-Kunsill (l-Artikolu 16(2) FSC). F'dan il-kuntest, jista' jadotta deċiżjonijiet vinkolanti fuq il-partijiet fi ħdan il-mandat mogħti lill mill-Kunsill tal-Ministri.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega ta' setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2019/920] (ĠU L 146, 05.06.2019, p. 114).

⁵ L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/2005 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-8 ta' Marzu 2005 dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE (ĠU L 95, 14.04.2005, p. 51).

ta' Diċembru 2020 tikkoinċidi mal-iskadenza tal-qafas finanzjarju pluriennali, kif ukoll l-iskadenza tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni għandha tiġi adottata f'sessjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li jridu jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*⁶.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-EU ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, jistgħu jiġu applikati miżuri transizzjonali biex tiġi estiża l-applikabilità tal-FSC kollu jew ta' partijiet minnu, sad-data tal-applikazzjoni tal-Ftehim il-ġdid (applikazzjoni provviżorja jew dħul fis-seħħ wara r-ratifika mill-Partijiet kollha). B'mod partikolari, *“Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta kull miżura transizzjonali li tista' tkun meħtieġa rigward id-dispożizzjonijiet emendati sakemm dawn jidħlu fis-seħħ.”*

Għalhekk huwa ċar li l-att li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE huwa msejjaħ li jadotta jikkonstitwixxi att b'effetti legali. L-atti previsti tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 15 u 16 tal-Ftehim.

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi huwa korp imwaqqaf skont l-Artikolu 16 tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou.

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti flimkien mal-Istati Membri għall-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou u għalhekk u għalhekk se tkun marbuta bid-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni dwaru. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawk il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-funzjonament tal-FSC kollu kemm hu, b'mod partikolari l-estensjoni tal-applikazzjoni lil hinn mid-data tal-iskadenza prevista. Il-baży ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni tal-Kunsill trid tiġi determinata fid-dawl tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou fis-sħuħija tiegħu⁷.

Il-FSC ġie konkluż bħala ftehim ta' assoċjazzjoni u għalhekk kien ibbażat fuq l-Artikolu 310 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-ekwivalenti tal-Artikolu 217 TFUE. Għalhekk il-baży ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 217 TFUE.

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 217 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

⁷

Ara, b'mod partikolari, is-sentenza fil-kawża C-244/17 *il-Kummissjoni vs il-Kunsill* ("il-Każakistan") [ECLI:EU:C:2018:662], p. 40 u l-ġurisprudenza msemmija.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP") minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE")⁸ ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003 u għandu jiġi applikat sad-29 ta' Frar 2020.
- (2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati lejn Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux se jkun lest biex jiġi applikat sad-data tal-iskadenza tal-Ftehim ta' Sħubija attwali. Għalhekk huwa meqjus neċessarju li jiġu adottati miżuri transizzjonali biex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim attwali.
- (3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri jadotta miżuri transizzjonali biex jestendi l-applikabilità tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kollu jew ta' partijiet minnu, sal-applikazzjoni provviżorja jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid.
- (4) Skont l-Artikolu 15(4) FSC, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat li jadotta l-miżura transizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE⁹. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE għandu jkollu laqgħa regolari qabel Jannar 2020, fejn se jieħu d-deċiżjoni li jadotta miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, billi l-att previst huwa vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni li tapprova l-att previst fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jenħtieġ li tiġi stabbilita f'din id-deċiżjoni,

⁸ Il-Ftehim (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3) kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tad-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 142, 29.05.19, p. 67)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, biex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 fl-intier tiegħu, sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP, skont liema tiġi l-ewwel.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*